ORDNAT s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' LUIGI GIUSEPPE COMELLA u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-imputat jindika b'nota minn fejn se jipperċepixxi dawn il-flejjes.

ARB/C016/2023 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 28th April, 2023, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD). Compilation Number 337/2023, in the case:

The Police
(Inspector Keith Xerri)

Versus

LUIGI GIUSEPPE COMELLA, unemployed, 22 years, son of Roberto and Tiziana née Scherma, born in Italy on the 6th October, 2000, and residing at Centre Court 4, Flat 8, Triq il-Faxxina, Swieqi, and holder of Italian passport bearing number YB6435060.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to LUIGI GIUSEPPE COMELLA and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six Euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after the accused indicates with a note from where he is perceiving this money.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Illum 5 ta' Mejju, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Today 5th May, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

992

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-10 ta' April, 2023, Rikors numru 657/2023, minn John Briffa fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Theresa Randell, Angelo Briffa, John Briffa u Alfred Briffa ħut id-decujus fi kwota ta' nona (1/9) parti indiviża kull wieħed u waħda minnhom, favur l-eredità ta' ħutha post morti Catherine Reynolds u Toninu Briffa u dan fi kwota ta' nona (1/9) parti indiviża kull wieħed u waħda mill-eredità, favur Joan Borg, Anna Scicluna u Lawrence Briffa wlied il-mejjet Carmelo Briffa dan tal-aħħar ħu d-decujus fi kwota ta' parti waħda minn sitta u tletin (1/36) indiviża kull wieħed u waħda minnhom; favur l-eredità tal-post mort Anthony Briffa fi kwota ta' parti waħda minn sitta u tletin (1/36) indiviża; favur Noel Briffa iben il-mejjet Joseph Briffa dan tal-aħħar ħu d-decujus fi kwota ta' parti waħda minn tmintax (1/18) indiviża; favur David Briffa iben il-mejjet Anthony Briffa dan tal-aħħar iben il-mejjet Joseph Briffa ħu d-decujus fi kwota ta' parti waħda minn tmintax (1/18) indiviża u favur Tania Fenech u Rosalie Spiteri wlied il-mejta Maria Dolores Carabott din tal-aħħar oħt id-decujus fi kwota ta' parti waħda minn tmintax (1/18) indiviża kull waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Maria Rosa Briffa, xebba, bint il-mejtin Antonio Briffa u Mairanna née Spiteri, imwielda ż-Żejtun, Malta, kienet residenti ż-Żejtun, Malta, u mietet iż-Żejtun, Malta, fl-1 ta' Lulju, 2022, ta' 100 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 340522M.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 10th April, 2023, Application number 657/2023, by John Briffa whereby he requested that the succession of Maria Rosa Briffa, unmarried, daughter of the late Antonio Briffa and Marianna née Spiteri, born in Żejtun, Malta, resided in Żejtun, Malta, and died in Żejtun, Malta, on the 1st July, 2022, aged 100, and who held ID number 340522M, be declared open in favour of Theresa Randell, Angelo Briffa, John Briffa and Alfred Briffa brothers and sisters of the deceased in the quota of one ninth (1/9) undivided share each one of them; in favour of the inheritance of her late sister and brother Catherine Reynolds and Toninu Briffa and this in quota of one ninth (1/9) undivided share each inheritance, in favour of Joan Borg, Anna Scicluna and Lawrence Briffa children of the late Carmelo Briffa the latter brother of the deceased in the quota of one part of thirty six (1/36) undivided share each one of them; in favour of the inheritance of the late Anthony Briffa in the quota of one part of thirty six (1/36) undivided share; in favour of Noel Briffa son of the late Joseph Briffa the latter brother of the deceased in the quota of one part of eighteen (1/18) undivided share; in favour of David Briffa son of the late Anthony Briffa the latter son of the late Joseph Briffa brother of the deceased in the quota of one part of eighteen (1/18) undivided share and in favour of Tania Fenech and Rosalie Spiteri children of the late Maria Dolores Carabott the latter sister of the deceased in the quota of one part of eighteen (1/18) undivided share each one of them.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 5 ta' Mejju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 5th May, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

993

Permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Ottubru, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Giuseppe Muscat et vs Gianmarco Di Giovanni, rikors numru 478/2022JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimat Gianmarco Di Giovanni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Giuseppe Muscat (KI 146889M) u Liane Muscat (KI 13188M) vs Gianmarco Di Giovanni (KI 0173748A) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-27 ta' Mejju, 2022, ir-rikorrenti Giuseppe Muscat (KI 146889M) u Liane Muscat (KI 13188M) talbu lil dan il-Bord sabiex:

1. Jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €2,395 għall-ħsarat ikkaġunati minnu fil-proprjetà 39, Shamrock, Flat 2, Palm Street, San Ġiljan.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat kontestwalment u bl-imgħaxijiet kontra l-intimat li jibqa' inġunt għas-subizzjoni.

Rikorrent: Giuseppe Muscat u Liane Muscat, 61, Triq San Ġwann, Il-Mosta

Intimat: Gianmarco Di Giovanni, 110, Flat 3, Triq Gafà, Il-Mosta

Ir-rikors fl-ismijiet Giuseppe Muscat et vs Gianmarco Di Giovanni, rikors numru 478/2022JG, jinsab differit għad-9 ta' Ġunju, 2023, fl-10.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Mejju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 17th October, 2022 of the Rent Regulation Board, in the records of the application in the names Giuseppe Muscat et vs Gianmarco Di Giovanni, application number 478/2022JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Gianmarco Di Giovanni in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Giuseppe Muscat (ID 146889M) and Liane Muscat (ID 13188M) vs Gianmarco Di Giovanni (ID 0173748A) filed before the Rent Regulation Board, on the 27th May, 2022, the applicants Giuseppe Muscat (ID 146889M) and Liane Muscat (ID 13188M) requested with respect so that this Board:

1. Condemn the respondent to pay the applicants the amount of €2,395 for the damages caused by him at premises 39, Shamrock, Flat 2, Palm Street, St Julian's.

With costs including those of the garnishee order filed together with this application and with interest against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicants: Giuseppe Muscat and Liane Muscat, 61, Triq San Ġwann, Mosta

Respondent: Gianmarco Di Giovanni, 110, Flat 3, Triq Gafà, Mosta

The application in the names Giuseppe Muscat et vs Gianmarco Di Giovanni, application number 478/2022JG, has been postponed for hearing to the 9th June, 2023, at 10.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 5th May, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

994

B'diġriet tas-26 ta' April, 2023, mogħti mill-Bord li Jirregola l-Kera, fejn il-Bord ordna l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

By a decree of the 26th April, 2023, given by the Rent Regulation Board ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Simon (KI 236953M) u Marina (KI 600359M) konjuġi Gatt u Bibi Limited (C4995) fil-21 ta' Diċembru, 2022, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u erbgħa u sittin ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€11,664.97) depożitati b'ċedola numru 229/2022 fl-ismijiet:

Simon (KI 236953M) u Marina (KI 600359M) konjuġi Gatt u Bibi Limited (C4995) vs Cedric (KI 343677M) u Leanne (KI 129679M) konjuġi Bartolo.

Il-Bord ordna n-notifika lill-kontroparti b'sebat (7) ijiem għar-risposta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 4 ta' Mejju, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That by the application filed by Simon (ID 236953M) and Marina (ID 600359M) spouses Gatt and Bibi Limited (C4995) on the 21st December, 2022, is asking for the withdrawal of the amount of eleven thousand six hundred sixty four euro and ninety seven cents (€11,664.97) deposited by the Schedule of Deposit number 229/2022 in the names of:

Simon (ID 236953M) and Marina (ID 600359M) spouses Gatt and Bibi Limited (C4995) vs Cedric (ID 343677M) and Leanne (ID 129679M) spouses Bartolo.

The Board ordered the notification to the counter parties with seven (7) days for filing a reply.

Registry of the Superior Courts, today Thursday, 4th May, 2023

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

995

B'diġriet tat-18 ta' April, 2023 mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti , dina il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(5) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn DrCedric Mifsud nomine (K.I 196979M) fid-19 ta' Jannar, 2023 qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' elf, disa' mija u hamsa u tmenin ewro u wiehed u sittin ċenteżmi (€1985.61) depożitati b'ċedola numru 504/2009 fl-ismijiet:

Dott. Cedric Mifsud (KI 196979M) a nom u in rappreżentanza ta' Rossello Santi li jeżerċita l-kummerċ bl-isem ta' Elettro Cavi K vs Italcris Malta Ltd (C45267).

Il-Qorti ordnat in-notifika b'erbat (4) ijiem għat-tweġiba.

Reġistru tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Malta), illum il-Ħamis, 4 ta' Mejju, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 18th April, 2023 given by the First Hall of the Civil Courts ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by DrCedric Mifsud nominée (I.D 196979M) on the 19th January, 2023 is asking for the withdrawal of the amount of one thousand nine hundred and eighty five euro and sixty one cents (€1985.61) deposited by the Schedule of Deposit number 504/2009 in the names of:

Dr Cedric Mifsud (ID 196979M) for and on behalf of Rossello Santi who exercise business under the name of Elettro Cavi K vs Italcris Malta Ltd (C45267).

The Court ordered the notification with four (4) days for filing a reply.

Registry of the Civil Court First Hall (Malta), today Thursday, 4th May, 2023

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

996

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 ta' Mejju, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2393/2021, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Joseph Alfred Schembri, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Joseph Alfred Schembri a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 30th May, 2022, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2393/2021 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Joseph Alfred Schembri, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Joseph Alfred Schembri in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 27 ta' Settembru, 2021

Lil Joseph Alfred Schembri (KI 387695M) ta' 22, Flat 1, Leon, Triq Nazju Cortis, Ħal Lija

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed jinnotifikawk bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed jinterpellawk sabiex tħallas is-somma ta' €4,317.55, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees, u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-ligi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000179433 ossija dwar il-fond bl-indirizz Sun Island Nursery Limited, Triq il-Palma ta' Mrejnu, L-Imġarr.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u inti qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 5 ta' Mejju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 27th September, 2021

To Joseph Alfred Schembri (ID 387695M) of 22, Flat 1, Leon, Triq Nazju Cortis, Ħal Lija

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €4,317.55, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to Law regarding utility bill number 101000179433 regarding the premises Sun Island Nursery Limited, Triq il-Palma, ta' Mrejnu, Mġarr.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 5th May, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

997

Permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Settembru, 2022, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1358/2022, fl-ismijiet l-Awtorità tad-Djar vs Natasha Kitcher, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

By means of a decree of the 26th September, 2022, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 1358/2022, in the names Housing Authority vs Natasha Kitcher, the following publication was ordered for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Illum 7 ta' April, 2022

Lil Natasha Kitcher (KI 11380M), Daffodil, Flat 3, Triq is-Snajja', L-Imsida, Malta

Permezz tal-preżenti l-Awtorità tad-Djar ta' 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, tirreferi għal Daffodil, Flat 3, Triq is-Snajja', L-Imsida, Malta, proprjetà amministrata mill-mittenti.

L-Awtorità tad-Djar qiegħda b'din l-ittra tinterpellak biex ai termini tal-artikolu, 9(a)(c)(d) u l-artikoli sussegwenti tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, Att Dwar l-Artijiet tal-Gvern, int tiżgombra minn Daffodil, Flat 3, Triq is-Snajja', L-Imsida, Malta, fi żmien 30 ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali u dan għax:

Bqajt tokkupa il-fond mingħajr titolu validu fil-liġi u dan wara li l-Awtorità tterminat il-kirja permezz ta' ittra datata 18 ta' Novembru, 2021;

Bqajt tokkupa l-fond wara li giet terminata l-kirja fuq il-fond surreferit;

Mingħajr preġudizzju għas-su espost int inqast milli tħallas il-kera dovuta minnek mill-4 ta' Settembru, 2016, sad-data tat-terminazzjoni tal-kera u dan minkejja li ġejt interpellata diversi drabi sabiex tirregolarizza ruħek, ma għamiltx użu mill-fond u għamilt użu differenti minn dak miftiehem, issullokajt mingħajr il-kunsens tal-Awtorità kif ukoll ksirt il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' kirja ffirmat minnek datat 4 ta' Marzu, 2013.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat ai termini tal-artikolu 9 u artikoli sussegwenti tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, Att Dwar l-Artijiet tal-Gvern.

Tant sabiex tagħraf timxi

Bl-ispejjeż u bl-interessi

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 5 ta' Mejju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Today 7th April, 2022

To Natasha Kitcher (ID 11380M) of Daffodil, Flat 3, Triq is-Snajja', Msida, Malta

By the present Housing Authority of 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, refers you to Daffodil, Flat 3, Triq is-Snajja', Msida, Malta, property administered by the interpellant.

The Housing Authority by means of this letter is soliciting you in terms of Article 9(a),(c), (d) and the subsequent articles of Cap. 573 of the Laws of Malta, Government Lands Act, so that you evict from Daffodil, Flat 3, Triq is-Snajja', Msida, Malta, within 30 days from the notification of this judicial letter, and this because:

You remained in occupation of the premises without any valid title at law and this after the Authority terminated the lease by means of a judicial letter dated 18th November, 2021;

You remained in occupation of the premises after the lease of the above mentioned premises was terminated;

Without prejudice to the above you failed to pay the rent due by you to the Housing Authority from the 4th September, 2016, till the date of termination of the lease and although you were solicited several times to regulate yourself, as you did not use the premises and you made different use as agreed, you leased without the consent of the Authority and did not abide with the conditions of the lease agreement signed by you on the 4th March, 2013.

This judicial letter is being sent in terms of Article 9 and subsequent articles of Cap. 573 of the Laws of Malta, Government Lands Act.

So much so that you know how to proceed

With costs and interest

Registry of the Superior Courts today 5th May, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

998

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Ottubru, 2022, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1708/2022, fl-ismijiet Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali vs Dhakal Prakash, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 19th October, 2022, given by the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 1708/2022, in the names Registrar of Civil Courts and Tribunals vs Dhakal Prakash, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent company in terms of Article 187(3) et sequitur Cap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 28 ta' April, 2022

Lil Dhakal Prakash ta' Matthew Crt, Flat 2, Triq il-Ġdida, Ħal Qormi

Permezz tal-preżenti r-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali ta' Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, jinterpellak sabiex tgħaddi u tħallas fi żmien erbat (4) ijiem min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali, is-somma ta' €120 minnek dovuta bħala drittijiet tar-Reġistru inkonnessjoni mal-kawża fl-ismijiet:

Prakash Dhakal vs Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza (LM1), deċiża fis-16 ta' Frar, 2022.

Tista' wkoll tħallas online billi tidħol fis-sit (ecourts.gov.mt) u tagħżel il-ħolqa 'Ħallas id-Dritt tar-Reġistru tal-Qorti' (Pay Court Registry Fees). Fin-nuqqas il-mittent jirriżerva li jipproċedi kontrik ulterjorment skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 5 ta' Mejju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court

Today 28th April, 2022

To Dhakal Prakash of Matthew Crt, Flat 2, Triq il-Ġdida, Qormi

By the present the Registrar of Civil Courts and Tribunals of Law Courts,Triq ir-Repubblika, Valletta, solicits you so that within four days from the notification of this judicial letter you pay the sum of €120 due by you as Registry fees in connection with the law suit in the names:

Prakash Dhakal vs Director of the department of Citizenship (LM1), decided on the 16th February, 2022.

You can also pay online by accessing the website (ecourts.gov.mt) and choose the link 'Ħallas id-Dritt tar-Reġistru tal-Qorti' (Pay Court Registry Fees). In default the applicant reserves the right to proceed further against you according to law.

So much for your own guidance

With costs

Registry of the Superior Courts today 5th May, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

999

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-20 ta' Frar, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 697/2021, fl-ismijiet Finance House plc vs Augustin Eugem Mischiu ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Augustin Eugem Mischiu a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 26 ta' Marzu, 2021

Lil Augustin Eugem Mischiu (KI 172034A) ta' Flat 2, 29, Roebuck Mansions, Triq il-Fortizza, Il-Mosta

Permezz tal-preżenti Finance House plc (C58869) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tinterpellak sabiex immedjatament tħallas is-somma ta' €1,096.08 oltre l-imgħax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv, rappreżentanti 8 skadenzi ta' kambjali kull waħda b'valur ta' €137.01, liema kambjali mmaturaw fl-ewwel ġurnata ta' kull xahar minn Lulju 2020 sa Frar

By means of a decree of the 20th February, 2023, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 697/2021 in the names Finance House plc vs Augustin Eugem Mischiu the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Augustin Eugem Mischiu in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 26th March, 2021

To Augustin Eugem Mischiu (ID 172034A) of Flat 2, 29, Roebuck Mansions, Triq il-Fortizza, Mosta

By the present Finance House plc (C58869) of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, solicits you so that immediately you pay the amount of €1096.08 besides legal interest from the due date of each bill of exchange till the date of effective payment representing 8 expired bills of exchange each of value €137.01, which bills of exchange were due on the 1st day of each month from July 2020

2021 rispettivament (kopji hawn annessi u mmarkati Dok. A1-Dok. A8).

Din l-ittra uffiċjali qed issirlek a tenur tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Procedura Ċivili u għaldaqstant il-mittenti javvertik illi jekk fi żmien għoxrin gurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali inti ma turix lil Qorti raġunijiet gravi u validi biex topponi l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali, allura dan il-kreditu jiġi reż titolu eżekuttiv u jinħarġu kontra tiegħek il-mandati eżekuttivi kollha spettanti lilu skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek u bl-ispejjeż kontra tiegħek.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 5 ta' Mejju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

till February 2021 respectively (copies here attached and marked as Doc. A1-Doc. A8).

This judicial letter is being made in terms of Article 253(e) and 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure and thus the interpellant warns you that if within twenty days from the notification of this judicial letter you do not show this Court grave and valid reasons to oppose the execution of these bills of exchange, thus this credit will be rendered executive title and all the executive warrants will be issued against you according to law.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself and with costs against you.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 5th May, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1000

Permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Marzu, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3759/2022, fl-ismijiet Andy Busuttil vs Kaija Mallia et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Kaija Mallia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 2 ta' Settembru, 2022

Lil: Kaija Mallia ta' Block 6, Flat 2, Triq Pietru Darmenja, Pembroke, Malta

Argus Insurance Agencies Limtied

Permezz tal-preżenti, Andy Busuttil (KI 251698M) ta' 25, Queen of Heaven, Flat 3, Triq il-Barrieri, Iż-Żurrieq, jirreferik għall-ittra ġudizzjarja mibgħuta minnek datata 19 ta' Awwissu, 2022, u bin-numru ta' referenza 3513/2022.

Illi l-esponenti qiegħed jirrespinġi l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet magħmula minnek fit-totalità tagħhom stante li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt, kif ukoll jiddiffidak milli tirrepeti u tippersisti dwar l-istess, u milli tieħu passi oħra li jirriżultaw frivoli u, jew vessatorji;

Illi b'referenza għas-surreferit, għandu jiġi ritenut illi l-aċċident deskritt fl-ittra tiegħek ġie unikament ikkawżat stante negliġenza, imprudenza, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku daparti tiegħek, u dan a kuntrarju ta' dak allegat minnek.

By means of a decree of the 20th March, 2023, in the records of the judicial letter number 3759/2022, in the names Andy Busuttil vs Kaija Mallia et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Kaija Mallia in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 2nd September, 2022

To Kaija Mallia, Block 6, Flat 2, Triq Pietru Darmenja, Pembroke, Malta

Argus Insurance Agencies Limited

By means of this present, Andy Busuttil (ID 251698M) of 25, Queen of Heaven, Flat 3, Triq il-Barrieri, Żurrieq, refers to your judicial letter which was sent to him dated 19th August, 2022, and with reference number 3513/2022.

The applicant is rejecting the allegations and claims made by you in their totality given that they are unfounded in fact and at law, as well as solicits you from repeating and persisting about the same, and from taking other steps that result frivolous and, or vexatious;

With reference to the above, it should be considered that the accident described in your letter was solely caused by negligence, imprudence, carelessness and non-observance of the traffic regulations on your part, and this is contrary to what is alleged by you.

Għaldaqstant, filwaqt li l-mittenti qed jirrespinġi l-allegazzjonijiet magħmulin minnek fl-intier tagħhom, permezz ta' din l-ittra qed jinterpellak sabiex mingħajr dewmien tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mill-mittenti fl-intier tagħhom. Din l-ittra qiegħda tintbagħat għall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Mejju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Thus, while the interpellant is rejecting the allegations made by you in their entirety through this letter you are being solicited so that without delay you come forward for the liquidation and payment of damages suffered by the interpellant in their entirety. This letter is being sent for all purposes and effects of law.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 5th May, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1001

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Settembru, 2022, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 488/2022 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs David Lauri, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili lil David Lauri (KI 164777M) personalment u bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà J.L. & Sons Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C6982 u bin-numru ta' PE739308 ta' J. L. & Sons Limited, Villa Trieste, Triq Fuq il-Ġonna, Is-Swieqi, Malta, fit-3 ta' Frar 2022, il-Kummissarju tat-Taxxi ta' Dipartiment tat-Taxxi Interni, il-Furjana, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €147,871 kwantu għal €5,687 bħala somma minnek stabbilita skont ir-Regola 24 tar-Regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) (Avviż Legali 88 tal-1998) u l-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta; kif ukoll €52,427 bħala somma minnek stabbilita skont l-Artikolu 116 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta) liema ammont totali kellu jitnaqqas mill-pagi u s-salarji tal-impjegati tal-kumpannija J. L. & Sons Limited matul il-perjodu snin 2001 sa 2007 u 2008 sa 2011 u liema ammont ma giex rimess lill-Kummissarju tat-Taxxi kif meħtieġ skont ir-regola 15(1) tal-istess Regoli, kif ukoll tal-Artikolu 23 tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u kif ukoll skont l-Artikolu 116 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali; kif ukoll €9,547 bħala Taxxa Addizzjonali imposta skont ir-Regola 24(1) tar-Regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) u l-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa; u €80,210 bħala Kontribuzzjoni Addizzjonali imposta skont l-Artikolu 116 tal-Att dwar is-Sigurtà Socjali u dawn kif jirriżultaw mill-Avviż ta' Talba għall-Ħlas li ġejt notifikat bih u li kopja tiegħu tinsab hawn annessa 'animo ritirandi' u mmarkata bħala Dok. A.

Fin-nuqqas ta' ħlas tal-imsemmi ammont fi żmien jumejn, il-mittenti jwissik illi se jipprocedi għall-esekuzzjoni tat-

By means of a decree of the 23rd September, 2022, given by the First Hall of the Civil Courts, in the records of the judicial letter number 488/2022, in the names Commissioner of Revenue vs David Lauri, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against David Lauri (ID 164777M) personally and as director for and on behalf of the company J.L. & Sons Limited with registration number C68902 and holding number PE739308 of J. L. & Sons Limited, Villa Trieste, Triq Fuq il-Ġonna, Is-Swieqi, Malta, on the 3rd February, 2022, Commissioner of Revenue of Department of Inland Revenue, Floriana, calls upon you so that within two days you pay the sum of €147,871 out of which the amount of €5,687 represents the amount established by you according to Rule 24 of the 1998 Rules, the Final Settlement System (FSS) Rules (Legal Notice 88 of 1998) and Act of 1994, Income Tax Management Act (Cap. 372 of the Laws of Malta); and the amount of €52,427 which represents the amount established by you according to Article 116 of Social Security Act (Cap. 318 of the Laws of Malta) which total amount had to be deducted from the wages and salaries of the employees of the company J. L. & Sons Limited during the period for the years 2001 till 2005 and 2008 till 2011 and which amount was not remitted to the Commissioner of Revenue as néeded according to Rule 15(1) of the same Rules, and also of Article 23 of the Income Tax Management Act, and also according to Article 116 of The Social Security Act; and also €9,547 which represents Additional Tax imposed according to Rule 24(1) of Rules of 1998, the Final Settlement System (FSS) Rules and the Act of 1994, the Income Tax Management Act; and €80,210 which represents Additional Contribution imposed according to Article 116 of the Social Security Act and this as results from a notice for payment notified to you here attached animo ritirandi and marked as Doc. A.

In default of the above mentioned payments within two days, the interpellant warns you that it will proceed with

titoli eżekuttivi ottjenut minnu ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 5 ta' Mejju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

the execution of its executive title given to him in terms of Article 40 of Act of 199, the Income Tax Management Act.

Pay the costs of this act

Registry of the Superior Courts, today 2nd May, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1002

Avviż skont l-artikolu 495A(3) tal-Kodiċi Ċivili maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Rikors ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili numru 9/2023 (BS)

Eucharistic Sultana, KI 5432G; Mary Buhagiar née Borg KI 2858G; Anthony sive Tony Borg, KI 5055G; Rita Spiteri née Sultana, KI 58548G; Francis Sultana, KI 59544G; Carmelo Sultana, KI 61742G; Tarcisio Sultana, KI 85149G; Martin Attard, KI 12071G Professur Joseph Sultana, KI 20075G; Angela Vella née Sultana, KI 18779G; Coronata Sultana née Portelli, KI 66044G; Miriam Ciliberti née Sultana, KI 11544G; Joseph Grech, KI 21353G; Maria Grima née Grech, KI 12058G; Maria Antonia sive Antionia Vassallo née Grech, KI 11257G; Victoria Theuma sive Teuma née Grech, KI 20851G; Jason Tabone, KI 532978M; Christopher Tabone, KI 193575M; Jahel Attard née Tabone, KI 35582G; Victoria Grech née Zammit, KI 34152G; Bernard Zammit, KI 15051G; Joseph Zammit, KI 50346G; Mary Ann Farrugia née Zammit, KI 67747G; Agnes Victoria Grech née Sultana, KI 69352G; Joseph Refalo, KI60556G; Rita Mary Refalo née Sultana, KI 44854G; Francesca Marija Vella née Sultana, KI58255G; Pio Eugenio Sultana, KI 223459M; Joseph Sultana, 68349G; Mark Victor Spiteri, KI28166G; Patrick Spiteri, KI 13071G; Margaret Spiteri, KI 13364G; Philip Spiteri, KI 30665G; Maria Spiteri, KI 5392G; Karol Spiteri, KI 5588G; Marija Zammit, KI 10248G; Josephine Camilleri née Zammit, KI 32635G; Lewis Zammit, KI 44742G; Tarcisio Zammit, KI 44336G; Rita Zammit née Sultana, KI 65629G; Victor Attard, KI 21249G; Martin Attard, KI 22251G; Francis Attard, KI 70354G; Anthony Attard, KI 57752G; Maria Attard, KI 32450G; Natalina Attard née Attard, KI 69959G; Daniel Attard, KI 12275G; Karen Attard, KI 8985G; il-Perit Victor Bigeni, KI 55954G; Maryanne Mercieca, KI 84147G; Lorenza Bigeni, KI 21049G; Pinu Bigeni, KI 47551G; Rita Vella, KI 10553G; Paul Renato Bigeni, KI 2565G; Maria Bigeni, KI 49346G, Arthur Bigeni, KI 46274M; Denise Bigeni, KI 569379M; Ritianne sive Rita-Anna Bigeni, KI 45377M; Fortunata Pisani née Portelli, KI 64058G; Victoria sive Vicky Vella née Portelli, KI 33057G; Maria Concetta sive Concetta Piscopo, KI 69954G; KI Carmen

Notice in terms of article 495A(3) of the Civil Code issued by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

In the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction General Section

Application in terms of Article 495A of the Civil Code, reference number 9/2023 (BS)

Eucharistic Sultana, ID 5432G; Mary Buhagiar née Borg ID 2858G; Anthony sive Tony Borg, ID 5055G; Rita Spiteri née Sultana, ID 58548G; Francis Sultana, ID 59544G; Carmelo Sultana, ID 61742G; Tarcisio Sultana, ID 85149G; Martin Attard, ID 12071G; Professor Joseph Sultana, ID 20075G; Angela Vella née Sultana, ID 18779G; Coronata Sultana née Portelli, ID 66044G; Miriam Ciliberti née Sultana, ID 11544G; Joseph Grech, ID 21353G; Maria Grima née Grech, ID 12058G; Maria Antonia sive Antionia Vassallo née Grech, ID 11257G; Victoria Theuma sive Teuma née Grech, ID 20851G; Jason Tabone, ID 532978M; Christopher Tabone, ID 193575M; Jahel Attard née Tabone, ID 35582G; Victoria Grech née Zammit, ID 34152G; Bernard Zammit, ID 15051G; Joseph Zammit, ID 50346G; Mary Ann Farrugia née Zammit, ID 67747G; Agnes Victoria Grech née Sultana, ID 69352G; Joseph Refalo, ID60556G; Rita Mary Refalo née Sultana, ID 44854G; Francesca Marija Vella née Sultana, ID58255G; Pio Eugenio Sultana, ID 223459M; Joseph Sultana, 68349G; Mark Victor Spiteri, ID28166G; Patrick Spiteri, ID 13071G; Margaret Spiteri, ID 13364G; Philip Spiteri, ID 30665G; Maria Spiteri, ID 5392G; Karol Spiteri, ID 5588G; Marija Zammit, ID 10248G; Josephine Camilleri née Zammit, ID 32635G; Lewis Zammit, ID 44742G; Tarcisio Zammit, ID 44336G; Rita Zammit née Sultana, ID 65629G; Victor Attard, ID 21249G; Martin Attard, ID 22251G; Francis Attard, ID 70354G; Anthony Attard, ID 57752G; Maria Attard, ID 32450G; Natalina Attard née Attard, ID 69959G; Daniel Attard, ID 12275G; Karen Attard, ID 8985G; Architect Victor Bigeni, ID 55954G; Maryanne Mercieca, ID 84147G; Lorenza Bigeni, ID 21049G; Pinu Bigeni, ID 47551G; Rita Vella, ID 10553G; Paul Renato Bigeni, ID 2565G; Maria Bigeni, ID 49346G, Arthur Bigeni, ID 46274M; Denise Bigeni, ID 569379M; Ritianne sive Rita-Anna Bigeni, ID 45377M; Fortunata Pisani née Portelli, ID 64058G; Victoria sive Vicky Vella née Portelli, ID 33057G; Maria Concetta sive Concetta Piscopo, ID 69954G; ID Carmen

sive Carmena Cassar, KI 63452G; George Portelli, KI 16956G Reverend Father Marcell Portelli, KI 59351G; Maria Zammit née Portelli,

Angela sive Gina Sultana née Portelli, KI 9745G, bħala mandatarja ta' Charles Sultana, Jenny Sturnieks née Sultana, u Mary Xuereb née Sultana, aħwa Sultana

vs

L-Avukatessa Dressa Deborah Camilleri li b'digriet tas-17 ta' April, 2023, ġiet nominata kuratriċi deputata sabiex tirrapreżenta lill-imsefrin:

1. Louis Sultana, George Sultana, u Philip Sultana sive Pinu Sultana aħwa Sultana;
2. Lewis sive Luigi sive Wigi Sultana.

Rikors ta' Eucharist Sultana et, ikkonfermat bil-ġurament minn Dr Margaret Spiteri illi tiddikjara illi hija taf il-fatti esposti personalment:

1. Illi dan ir-rikors odjern jirrigwarda l-proprjetà segwenti:

Porzjon art magħrufa bħala 'Tal-Warda' fil-limiti ta' Santa Luċija, Ta' Kerċem, bil-kejl ta' madwar elf u erbgħa u sittin metru kwadru (1,064m.k.) konfinanti mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' beni tal-werrieta ta' Concetta Portelli u mill-Punent ma' beni tal-werrieta ta' Antonio Zammit, libera u franka u murija bil-kulur aħmar u numru għaxra (10) fuq il-pjanta hawn annessa bħala Dokument 'A', u

